# Xi tagħrif dwar l-Inkurunazzjoni ta' l-Assunta fil-Mosta

*miġbur minn **Manwel D. SCHEMBRI***
*Dip. Stud. Rel., B.A.(Gen.), B.A.Stud. Rel., Dip. Educ. (Admin. & Mangt.)*

* Novembru 1973 - L-Arċipriet Dun Bert Bezzina ressaq lill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Mikiel Gonzi, it-talba f'ismu, f'isem il-Kleru u f'isem il-Mostin kollha biex l-Assunta fil-kwadru titolari tar-Rotunda tal-Mosta jiġi nkurunat. L-Arċisqof aċċetta mill-ewwel u wassal huwa stess din it-talba quddiem il-Q. T. il-Papa PAWLU VI.* 12 ta' Diċembru 1973: mill-Belt tal-Vatikan ħareġ id-Digriet ta' l-Inkurunazzjoni f'isem il-Papa Pawlu VI, iffirmat mis-Segretarju ta' l-Istat, il-Kardinal Joannes Villot.

* 26 ta' Jannar 1974: id-Digriet wasal f'idejn l-Arċipriet Dun Bert Bezzina, u l-aħbar xterdet mal-Mosta kollha f'leħħa ta' berqa.



Il-Kavallerija tal-Pulizija twassal lill-Arċisqof u ħadet sehem fil-purċissjoni.
(ritratt: Jos. A. Vella F.R.PS., E. FIAP., E.S. FIAP.)

* 15 ta' Frar 1974: id-Digriet inqara f'Quddiesa Sollenni li saret apposta, u wara ġie espost fin-niċċa ta' San Ġużepp.

* Id-disinn tal-kuruna sar mis-sur Ġużè Galea mir-Rabat, Malta. Kien fiha 161 uqija deheb ta' 22 karat u żżejnet b'għadd ta' perli kif ukoll 79 ħaġar prezzjuż.

* Il-Kuruna inħadmet mis-sur Roger Mizzi minn Birkirkara. Swiet Lm1,774-47ċ. Inġabret kollha mill-Mostin u anke xi emigranti.

* Il-Kwadru Titolari ta' l-Assunta ġie rrestawrat mis-sur Maurice Cordina[1].

* 19-20 ta' Lulju 1975: Ittra



Il-Prim Imħallef, Prof. J.J. Cremona, iżomm il-Kuruna fil-bidu tal-purċissjoni mill-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Fuq ix-xellug tiegħu jidher id-Direttur Spiritwali tas-Soċ. Fil. Nicolò Isouard, Dun Karm Mifsud, u żewġ Kavallieri tas-Santu Sepulkru Ordni tal-Papa.



Il-Prim Imħallef, Prof. J.J. Cremona, imexxi il-purċissjoni u jżomm il-Kuruna fi Triq il-Kungress Ewkaristiku.
(ritratt: Jos. A. Vella F.R.PS., E. FIAP., E.S. FIAP.)



Il-Korteo imponenti ta' aktar minn mitt Saċerdot li ġew jikkonċelebraw ma' l-Arċisqof M. Gonzi għall-Inkurunazzjoni.
(ritratt: Jos. A. Vella F.R.PS., E. FIAP., E.S. FIAP.)



Uħud mis-Saċerdoti waqt il-Konċelebrazzjoni fuq it-Tribuna armata apposta fuq disinn ta' Dun Anġ Camilleri, flimkien mas-sinjuri J.J. Camilleri, Francis Tonna u Philip Caruana.
(ritratt: Jos. A. Vella F.R.PS., E. FIAP., E.S. FIAP.)



*Il-mument l-aktar sollenni meta l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi poġġa l-Kuruna prezzjuża fuq ras il-Madonna tal-Kwadru Titolari ta' l-Assunta.*
*(ritratt bil-kortesija tat-Times of Malta)*



*Wara l-Omelija, Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi jbierek il-Kuruna miżmuma mill-Prim Imħallef, Prof. J.J. Cremona.*
*(ritratt: Jos. A. Vella F.R.PS., E. FIAP., E.S. FIAP.)*

Pastorali ta' Mons Arċisqof Mikiel Gonzi nediet l-Inkurunazzjoni tal-Kwadru titolari tar-Rotunda.

* 2 t'Awwissu 1975: Sar Pellegrinaġġ Nazzjonali f'Lejl Marjan Nazzjonali fejn ħarġet ukoll il-Vara ta' Santa Marija.

* 10 t'Awwissu 1975 - Jum l-Inkurunazzjoni: Fil-għodu saret l-Ewwel Tqarbina lil 192 tifel u tifla. Fil-għaxija fil-5.00 pm bdiet il-Quddiesa ta' l-Inkurunazzjoni b'purċissjoni mill-Oratorju Qalb ta' Ġesù, immexxija mill-Kavallerija tal-Pulizija, li fiha ħadu sehem l-Arċisqof ta' Malta - Mons. MIKIEL GONZI, il-Vigarju Ġenerali - l-Isqof Mons. ĠUŻEPPI MERCIECA, l-Isqof t'Għawdex - Mons. NIKOL G. CAUCHI, madwar mitt saċerdot, u l-Unur Tiegħu l-Prim Imħallef - il-Professur J.J. Cremona, li żamm il-kuruna fuq imħadda tal-bellus blu. Fis-7.40 pm (ħin tas-sajf), għall-Kant tas-Salve Reġina mill-Kor Santa Ċeċilja tal-Mosta, Mons. Mikiel Gonzi, bl-awtorità tal- Q.T. il-Papa PAWLU VI, mgħejjun mill-Isqfijiet l-oħrajn, poġġa fuq ras l-Assunta tal-Mosta l-Kuruna tad-deheb fin u l-ħaġar prezzjuz b'rahan dejjiemi tar-rabta tal-Mostin ma' Ommhom Smewwija. Kienu preżenti 'l fuq minn 50,000 ruħ. Wara li ntemmet il-Quddiesa, l-Inkwadru Inkurunat ta' l-Assunta ttieħed f'purċissjoni mat-toroq ewlenin tal-Mosta.

1 Ara wkoll SCHEMBRI Manwel D, IR-RESTAWR TA' L-1974 TAL-KWADRU TA' L-ASSUNTA, fil-programm tal-Festa, Socjetà Filarmonika Nicolò Isouard, Mosta 1994.

G. Caruana




Express Watch repairer

We sell clocks and watches
Repairer of all types of clocks, repair guaranteed
**We repair Grand Father**

**110, Eucharist Congress Road, Mosta - Tel: 417235**